MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 788/2012

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Daniele Privitera**
**ID 103990M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Novembru, 2012 fejn il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' mitejn u wiehed u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€281.78) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40141775* mohtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2

- prospett u ftehim ghall-akkont numru *A/C 40141775* u Dok IZY3 - estratt ta' itra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda' baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta’ Gunju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-28 ta’ Gunju, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€281.78) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------